MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 532/2009

**Id-Diretturi Saviour Micallef (K.I. Nru: 735362M), Carmen Micallef (K.I. Nru: 319665M) u Ancams Limited**

***kontra***

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta' Gunju 2009 fejn ir-rikorrenti jghidu hekk –

*Illi permezz ta' Nota ta' Qbid tas-6 ta' April 2009 li ggib in-numru 16/2009, l-intimat qabad konsenja ta' xorb*

*alkoholiku gewwa zewg trailers, kif indikat fl-istess nota ta' Qbid hawn annessa u mmarkata* ***Dok. A*** *;*

*Illi din in-Nota ta' Qbid inharget stante illi gie allegat illi kien hemm ksur ta' l-artikoli 60(a), (b), (c), (k), 62(a), (b), (c), (f), (g), (h), (i), (k), Paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, l-Artikoli 16 (1) (j), 17 (a) ta` l-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Illi s-socjeta' rikorrenti oggezzjonat bil-miktub ghal dan il-Qbid permezz ta' ittra datata 4 ta' Mejju 2009 li huwa l-avviz li kienet bi hsiebha tagixxi quddiem din l-Onorabbli Qorti biex tirriprendi l-pussess ta' l-oggetti maqbuda ;*

*Illi s-socjeta' rikorrenti toggezzjona ghal dan il-Qbid ghaliex mill-fatti kif jistghu jigu ahjar pruvati waqt is-smigh tal-kawza, ma jirrizultax li hemm xi ksur ta' l-Artikoli citati mill-intimat stante illi s-socjeta' rikorrenti kienet disposta thallas id-dazji kollha rikjesti mil-Ligi kif dejjem ghamlet fil-generu tal-importazzjonijiet taghha ;*

*Illi s-socjeta' rikorrenti ma timpurtax dan il-generu ta' xoghol u ghalhekk din kienet l-ewwel darba ghaliha ;*

*Illi l-merkanzija in kwistjoni ma ghadhiex ta' utilita' ghas-socjeta' rikorrenti stante li dawn kienu ngabu bi skop ghal hampers tal-Milied tas-sena elfejn u sitta (2006) ;*

*Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ghandha intenzjoni terga' tibghat lura tali merkanzija.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxa l-merkanzija maqbuda proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti.*

*2. tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tibghat il-merkanzija lura minghajr ma thallas id-Dazju rikjest mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti flimkien mal-lista tad-dokumenti esebiti minnhom.

Rat ir-risposta tal-intimat prezentata fil-15 ta' Lulju 2009 li taqra hekk -

*Illi l-qbid tax-xorb mertu tan-nota ta' qbid numru 16/09 sar korrettement u skont il-ligi peress li x-xorb kien diehel fil-pajjiz minghajr il-hlas tad-dazju tas-sisa fuqu, liema dazju kien jammonta ghal iktar minn EUR30,000.*

*Illi kif se jirrizulta waqt is-smigh tal-kaz, kien biss fil-mument meta l-iskoperta tax-xorb mhux dikjarat kienet imminenti li r-rikorrenti nfurmaw lill-ufficjali tad-Dwana li ghandhom kunsinna ta' xorb. Dan naturalment ma jammontax ghal dikjarazzjoni shiha u korretta ghall-fini tal-ligi, u dan qed jinghad b'referenza wkoll ghall-artiklu 61A tal-Ordinanza tad-Dwana ;*

*Illi jinghad ukoll li l-procedura fil-kaz ta' importazzjoni ta' xorb alkoholiku f'dik il-kwantita' tinkludi li d-dikjarazzjoni u l-hlas relattiv isir qabel ma x-xorb jasal f'Malta jew fil-mument meta jkun ghadu niezel mill-vapur u mhux fi stadju iktar tard. Jekk ir-rikorrenti allegatament ma kinux*

*jafu b'dan, l-injoranza tal-ligi u tal-procedura ma tnehhix ir-responsabilta' minn fuqhom ;*

*Illi rigward it-tieni talba tar-rikorrenti, u minhabba d-distinzjoni bejn it-tliet frieghi tal-Istat, jinghad li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tintalab taghmilha tal-Amministrazzjoni, stante li l-awtorizzazzjoni mitluba fit-tieni talba tista' tinghata biss mill-esponent ;*

*Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat.

**Ikkunsidrat :**

In linea generali, meta persuna tkun trid timporta xorb alkoliku tkun trid tirregistra mad-Dipartiment tad-Dwana. Meta ssir importazzjoni ta' xorb alkoliku, irid jithallas id-dazju **qabel** ix-xoghol johrog mill-konfini tad-Dwana. Fin-nuqqas, il-persuna koncernata tkun qeghda tikser il-ligi. Ir-rekwizit tar-registrazzjoni ma jolqotx biss lill-importatur regolari izda anke dawk il-persuni li jkunu jridu jimportaw xorb alkoliku fuq bazi ta` *one-off* (ara x-xhieda ta` Peter Grima a fol 56). Fil-kaz ta` importazzjoni *one-off* id-Dipartiment tad-Dwana jrid ikun avzat u d-dazju jrid ikun thallas jew tinghata garanzija bankarja **qabel** ix-xoghol jasal u jigi ritirat (ara x-xhieda ta' Joseph Brincat a fol 41). Bhala fatt irrizulta li r-rikorrenti ma kienux registrati mad-Dipartiment tad-Dwana. Kien biss fil-5 ta` Lulju 2007 li r-rikorrenti Ancams Limited talbet li tkun hekk registrata.

Irrizulta li saz-zmien tal-incident li wassal ghall-hrug tan-nota ta` qbid in kwistjoni, il-kumpannija rikorrenti kienet tinnegozja principalment fl-importazzjoni ta' hwejjeg tal-ikel in generali kif ukoll *toilet paper* u xorb mhux alkoliku ghalkemm irrizulta li fiz-zmien tal-Ghid u tal-Milied kienet taghmel *hampers* b'xorb alkoliku (ara l-affidavit ta` Maria Cauchi a fol 22). Issa fil-kaz tal-lum ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li qabel gew biex jimportaw ix-xorb alkoliku in kwistjoni huma talbu direzzjoni minghand id-Dipartiment tad-Dwana. Fl-istqarrija taghhom, ir-rikorrenti mhumiex korraborati mill-impjegati tad-Dwana. *In ogni caso* u bhala fatt, din il-Qorti tqis li l-lista ta` xorb alkoliku maqbud hija konsiderevoli (ara Dok.A a fol 4) tenut kont li ma kenitx fil-linja tan-negozju regolari tar-rikorrenti u allura, jekk ghall-grazzja tal-argument kellha tkun accettata bhala attendibbli l-verzjoni tar-rikorrenti, dawn kellhom juru tal-inqas ferm u ferm aktar ghaqal fil-gestjoni ta` din l-importazzjoni.

Skond ir-rikorrenti Carmen Micallef (ara l-affidavit taghha a fol 23) ix-xorb in kwistjoni kien se jigi minn Sqallija. *Ex admissis* taccetta li x-xoghol kien se jasal malajr. Eppure illimitat ruhha li tkun taf (din il-Qorti tghid) fuq fuq x'kien hemm involut minflok gharblet bir-reqqa x'kienu l-obbligi li kienet tesigi l-ligi. Tghid li mid-Dwana qalulha li ma kienx hemm htiega li tirregistra billi l-importazzjoni tax-xorb alkoliku kienet se tkun ta` darba, allegazzjoni li kienet kontestata, fl-istess waqt l-istess rikorrenti taqbel li ma thallas l-ebda dazju qabel ix-xoghol wasal fl-imhazen tal-kumpannija rikorrenti.

Mill-provi rrizulta li x'hin nfethu z-zewg trailers, ir-rikorrenti ma kienux iddikjaraw lill-Ufficjali tad-Dwana li ghamlu l-ispezzjoni li fit-trailers kien hemm ix-xorb alkoliku ghad li kienu jafu li x-xoghol kien jinsab fiz-zewg trailers. Ghal din il-Qorti, il-fatt li ma saritx id-dikjarazzjoni ma kenitx frott ta' negligenza jew distrazzjoni jew xi dimentikanza. Ghal din il-Qorti, dak kien att deliberat fejn ir-rikorrenti hadu riskju izda marilhom hazin. Infatti rrizulta

li d-dikjarazzjoni mir-rikorrenti dwar ix-xorb alkoliku saret meta l-hatt kien **<u>diga`</u>** qieghed isir. Inoltre l-Ufficjali tad-Dwana kienu diga` osservaw zewg pallets suspettuzi mghottija bi shrink wrapping iswed fejn irrizulta wara li kien stivat ix-xorb. Ix-xhud John Azzopardi (a fol 31) jikkonferma li l-invoice tal-burdnar ma kenitx tinkludi xorb. Notati dawk iz-zewg pallets bil-polythene iswed, ingiebet invoice l-ohra bl-indikazzjoni tax-xorb li pero` dwarha ma kien thallas l-ebda dazju. Din l-invoice kienet prodotta **<u>wara</u>** li nfetah it-trailer (ara x-xhieda ta` John Bezzina a fol 37).

Nafu li x-xorb in kwistjoni kien indikat go invoice li ma kenitx dik li originarjament kienet murija lill-Ufficjali tad-Dwana qabel beda l-hatt. Dwar dan il-punt, Carmen Micallef tixhed hekk - *Ahna fil-fatt konna ddikjarajniehom ghalkemm mhux qabel il-wasla tat-trailers peress illi dan ma stajniex naghmluh peress illi l-ordni saret f`qasir zmien pero` mal-ewwel opportunita` ahna bdejna naghmlu dak kollu possibbli biex inlestu kollox u nhallsu ghalkemm fil-frattemp it-trailers lahqu waslu u nizlu Malta.*

Dak mistqarr minn Carmen Micallef ma jsibx sostenn f`dak li xehed id-direttur l-iehor Francis Saviour Micallef (a fol 27). Dan tal-ahhar ighid li huma qalu mill-ewwel li fi trailer minnhom kien hemm ix-xorb. Huwa pero` kontradett minn Jerome Azzopardi (a fol 48) kif ukoll minn dak li xehdet Carmen Micallef. L-istess Micallef *ex admissis* jaccetta li ma kienx jaf li l-ewwel irid ihallas id-dazju qabel johrog it-trailer mid-Dwana.

**Ikkunsidrat :**

Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 1921 fil-kawza "**<u>Manche` vs Huber noe</u>**" (Vol.XXVIII.I.523), il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk -

*‘quando le leggi tributarie sono chiare non e’ permessa alcuna interpretazione, ma esse devono essere applicate nel loro senso letterale, poiche l’interpretazione che meglio si addice alle leggi tributarie, anche nel dubbio, come c’ insegna* ***Ulpiano,*** *e’ la letterale: ‘ in re igitur dubia melius est verbis Edicti servire’; sezione I para. 20 Digesto ‘ De Exercitoria actione.’ Ne possono sempre le leggi tributarie interpretarsi con le regole del diritto comune, poiche in simili leggi, il legislatore molte volte sente il bisogno di discostarsi da quelle regole per assicurare una maggiore produttivita` imponendo sacrifici al singolo cittadino pel bene collettivo e per tutelare la legge contro possibili evasioni’.*

**L-Art.60(a) tal-Kap.37** ighid li *jekk oggetti soggetti ghall-hlas ta` dazju jigu sbarkati minn bastiment f’Malta, minghajr ma jkun gie* ***qabel*** *imhallas jew ikkawtelat id-dazju … l-oggetti hawn fuq imsemmija ghandhom jigu kkonfiskati ...*

L-**Art.17(a) tal-Kap.382** jipprospetta l-konfiska ta’ l-oggetti importati, f’kaz li dawk l-oggetti ikunu dazjabbli u jinhbew f’xi post bil-ghan li ssir frodi kontra l-erarju.

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 2005 fil-kawza “**Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana”** il-Qorti tal-Appell qalet –
*‘Meta fil-proceduri fejn jigi mitlub ir-rilaxx ta’ merkanzija maqbuda minhabba nuqqas ta’ hlas ta’ dazju, jew ghal raguni ohra li ggib maghha l-konfiska, tqum il-kwistjoni jekk dawn l-oggetti gewx importati skond il-ligi, il-prova tmiss lill-persuna li taghmel it-talba.’*

Kif diga` rajna rrizulta fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti li x-xorb alkoliku in kwistjoni la kien dikjarat u lanqas thallas id-dazju fuqu qabel ma hareg mill-kontroll tad-Dwana biex imur lejn l-imhazen tar-rikorrenti. Ix-xorb kien skopert biss (mhux darba wahda izda darbtejn!) wara

*spot-checks* li saru minn Ufficjali tad-Dwana li talbu li jezaminaw d-dokumenti relattivi u li jinfethu it-*trailers.* Li allura jfisser *senza mezzi termini* li kieku ma sarx l-*ispot check* mill-Ufficjali tad-Dwana waqt li kien qed isir il-hatt kollox kien jibqa` ghaddej u x-xorb in kwistjoni kien jidhol fir-cirku tan-negozju (ghax ix-xorb gie minn barra unikament ghal skop ta` negozju) minghajr ma jkun thallas l-ebda dazju. U dan huwa propju dak li l-ligi trid tippunixxi u ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm il-konfiska.

Din il-Qorti mhix konvinta mill-*bona fides* tar-rikorrenti u ghalhekk tara ksur tal-**Art.62 tal-Kap.37**. Ix-xorb kien dikjarat wara li l-hatt kien diga` beda u wara li l-Ufficjali tad-Dwana kienu diga` nnotaw il-pallets bis-*shrink wrapping* iswed li laqtu l-attenzjoni taghhom. L-**Art. 17 tal-Kap. 37** jipprovdi li : *'Jekk oggetti jew hwejjeg ohra li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew oggetti jew hwejjeg ohra suggetti ghad-dazju ta' importazzjoni jinsabu, b'xi mod mohbija, jew imdahhla f' xi koll jew pakkett, biex iqarrqu l-ufficjali tad-dwana, dan il-koll jew pakkett, b'dak kollu li jkun fih, ghandu jigi kkonfiskat…."* Anke sabiex iwarrbu kull suspett ta` *mala fides* xejn ma kien izomm lir-rikorrenti milli qabel beda l-hatt fil-presenza tal-Ufficjali tad-Dwana juru l-*invoice* tax-xorb li kienet fil-pussess taghhom. Pero` mhux hekk sar. Ghall-bidu kien murija biss l-*invoice* tax-xoghol l-iehor. Dan kien nuqqas car u ovvju ta' *bona fides* da parti tar-rikorrenti u taht l-ebda cirkostanza ma kien gustifikabbli fl-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz. Din il-Qorti tqis il-verzjoni tar-rikorrenti mhux verosimili u kredibbli.

Ir-rikorrenti mexxew bir-rikors tal-lum skond l-**Art.73 tal-Kap.37** sabiex jottjenu r-rilaxx tax-xorb alkoliku maqbud indikat fid-Dok A a fol 4.

Abbazi tal-fattispece tal-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tistax tilqa` t-talba ghar-rilaxx ghaliex *una volta* r-rikorrenti mportaw merkanzija li kienet soggetta ghal dazju bla ma hallsu qabel id-dazju dovut jew minghajr ma taw garanzija

ghall-hlas tad-dazju dovut, il-konfiska hija mandatorja. Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**Lee vs Kontrollur tad-Dwana**", il-Qorti ta' l-Appell irrilevat li l-kwistjoni ta' jekk merkanzija kellhiex tkun dikjarata nkella le tqum kemm-il darba jirrizulta li l-oggetti in kwistjoni huma dazjabbli. Ladarba l-merkanzija tkun dazjabbli, u ma tkunx giet dikjarata, ikun hemm ksur tal-ligi u l- oggetti huma soggetti ghall-konfiska. Fis-sentenza ta` din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-15 ta` Dicembru 2004 fil-kawza "**Ellul Sullivan noe vs. Kontrollur tad-Dwana**" jinghad li '*mhix mehtiega l-prova tax-xjenza tal-evazjoni jew tat-tentattiv biex jigi aggirat il-fisco, izda jibbasta li l-oggett jew oggetti jkunu nstabu celati ghall-iskop tal-elevazzjoni'.* Hekk jirrizulta li gara fil-kaz tal-lum. Din il-Qorti ma ssibx li dan kien kaz ta` negligenza jew zball genwin da parti tar-rikorrenti. Ghalhekk tikkonferma l-konfiska. *Una volta* l-ewwel talba qeghda tkun respinta, it-tieni talba qeghda tkun michuda wkoll. Fi kwalunkwe kaz, it-tieni talba anke kif dedotta hija *ex lege* inammissibbli ghaliex din il-Qorti ma tistax taghti awtorizzazzjoni jew ordni bhal dik mitluba.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tilqa` r-risposta tal-intimat, tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------